MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 167/2005

**Master Distributors Limited**

**Vs**

**Ramazan Ertugzul**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm603.53 (sitt mija u tlett liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu) prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lil konvenut.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-9 ta' Marzu 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-21 ta' Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------